# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (Malta)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

### Magistrat Francesco Depasquale

**Seduta tal-Hamis tmintax (18) ta' Frar, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Daniel Micallef**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza kif migjuba kontra:

Daniel Micallef, ta' 31 sena, iben Martin u Emanuela nee' Sammut, imwieled Pieta' Malta, nhar il-25 t'April, 1984, residenti Fulina Crt, Fl 1, Triq Leonard Mahoney, Xghajra, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 225284M.

Akkuzati talli fi Frar 2016 u fix-xahar ta' qabel, gewwa dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1. Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' mhux aktar minn hames mitt (500) euro, minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema delitt sar fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, hariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-dannu tal-Kunsill Lokali tas-Sliema, Gvern ta' Malta u/jew persuni u/jew awtoritajiet ohra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi u jekk ikun il-kaz tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha prodotti.

Semghet l-ammissjoni tal-akkuzat fuq l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli partijiet.

Il-Qorti;

Rat l-artikoli 293, 294, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Fehmet ic-cirkostanzi kollha tal-akkuzat u wara li rat il-Ligi u l-fatti kollha kif migjuba quddiemha qeghda ssib lill-akkuzat hati tal-akkuzi kollha u qeghda tohroglu ordni ta' probation ghal perjodu ta' tliet snin bl-intiza cara li l-akkuzat ghandu jghamel minn kollox sabiex johrog mill-vizzju tad-droga li ghandu u ghandu joqghod ghal kull ordni li taghtih il-probation officer li ghandha tirraporta regolarment lil din il-Qorti kull erba' xhur.

Il-Qorti tordna wkoll illi jirrifondi s-somma ta' mija u hamsin Euro (€150) sa mhux iktar tard minn erba' gimghat millum.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**